madwaru, stennewha tqum u tkellmu tant kemm sejħilha bil-qalb, imma kulħadd jaf li l-mejtin ma jqumux, u Prexilla ma qamitx.

It-testment inqara u l-ħbieb tagħha kollha messhom xi ħaġa b'tifkira tagħha, lil dawk li daru biha, u lill-Knisja ħallitilha somma sabiħa. Id-dar ħallietha lill-kuġina Franġiska u l-kumplament ħalliethom għal ruħha. Iżda t-teżori kbar li kellha maqfulin fil-kaxxa ta' l-injam, imsakkra u ssiġillata, ma ħalliethom lil ħadd. Għalhekk Franġiska kienet sejra tiftaħha, iżda ndunat li għajnejn kulħadd kienu fuqha, kurjużi biex jaraw it-teżori li kellha moħbija, allura talbithom joħorġu u jħalluha weħidha. Jekk kien hemm xi segriet kellu jiġi miżmum moħbi, u l-kaxxa tindifen magħha.

Bil-mod u l-kalma bdiet biex tkisser is-siġill u wara li fetħet biċċavetta, li kienet imdendla b'katina mal-manilja, refgħet l-għatu tal-kaxxa kważi beżgħana. L-ewwel ma dehret kienet biċċa tal-għażel bajda, li kienet tgħatti l-wiċċ kollu tal-kaxxa, neħħietha u taħtha kien hemm xi ħaġa mgeżwra fil-karti strazzi. Warrbet il-karti u dehret libsa tas-satin bajda ta' għarusa, velu twil tal-bizzilla mill-isbaħ u kuruna taż-żahar, kollox maħdum b'gost u bi grazzja kbira. Taħt dawn, kien hemm il-bjankerija kollha rakkmu, bizzilli u żigarelli, kollox maħdum b'sengħa li ma bħalha li kienu tassew xi ħaġa meraviljuża. Ta' min kienu dawn? Għal min kienu iddestinati? Kienu ta' Prexilla? Minnhom ħarġet il-fwieħa ta' l-ispiga mħallta mar-riħa tal-għeluq billi kienu ilhom imsakkrin hemm ġew is-snin. Kemm-il sena? Min jaf. Min jista' jgħidu. Iżda ż-żmien ma għarraqx dawk il-ġmilijiet maħdumin b'tant grazzja u paċenzja u b'tant tama u mħabba bħalma għarrqu l-qalb ta' Prexilla.

Wiċċ Franġiska ħa qagħda ta' niket, għajnejha mtlew bid-dmugħ u ippruvat taħseb... taħseb, tmur lura fiż-żmien meta Prexilla kienet żagħżugħa, biex tara tiftakarx xi ħaġa. Allura rat bħal viżjoni u minn moħħa bdew għaddejjin tifkirijiet ta' l-imgħoddi.

Kienet għadha tifla żgħira, tiftakarhom isemmu dwar ir-romanz tal-kuġina Prexilla u ta' student tal-mediċina. Mela kien forsi f'dak iż-żmien li bdiet taħseb biex taħdem dawk il-ġmilijiet li kellha maqfulin fil-kaxxa? Imma jekk tiftakar sewwa dak it-tabib kien iżżewweġ ma' waħda sinjura, filwaqt li Prexilla b'imħabba u fedeltà baqgħet dejjem tistennieh ġej lura, toħlom ħolm sabiħ u tibni kastelli fl-arja.

Franġiska kompliet tfittex fil-kaxxa, u fil-qiegħ nett kien hemm mazz ittri, marbutin b'żigarella ħamra. Ħadithom f'idejha u bdiet iddawwarhom, ma tafx jekk għandhiex tħollhom u taqrahom. F'idejha kellha s-segriet, il-qofol ta' l-imħabba ta' Prexilla, setgħet tkun taf l-istorja ta' dik l-imħabba, ta' tradiment u ta' abbandun.

Iżda filwaqt li kienet sejra tħoll iż-żigarella dehrilha li qiegħda tisma' lil xi ħadd jibki, ilfiq li kien ġej mill-bogħod. Żgur ġiet xi ħabiba tagħha taraha u nfexxet tibki ħdejn il-katavru tagħha. Kompliet ix-xogħol tagħha. Issa kienet diġà ħallet iċ-ċoff u l-ittri tferrxu



f'ħoġorha. Hawn il-biki u l-ilfiq aktar żdied, bħal donnu xi ħadd iddisprat qed jitlob għajnuna. Beżgħet, qamet bl-ittri f'idejha tħares madwarha fil-kamra. Ħdejha ma kien hemm ħadd. Żgur xi ħadd minn fuq. Iva l-biki kien ġej mill-kamra tal-mejta. Kien biki ta' niket li jaqsam il-qalb. Ħarġet tiġri, deffset l-ittri fil-but tad-dublett u bdiet tgħajjat lil dawk in-nies li kienu miġburin fil-kamra l-oħra. "Isa, malajr, ġibu xi kutri, xi ħaġa x'tixrob, u ejjew fil-kamra ta' Prexilla... malajr iddumux... Ġejja... ġejja Prexilla... ġejja ħdejk...". Iżda x'ħin waslet u poġġiet idha fuq il-pum tal-bieb, il-biki waqaf fil-ħin, u x'ħin daħlet ħassitha sejra tħossha ħażin. Prexilla kienet stenduta fit-tebut, b'idejha msallbin fuq sidirha, wiċċha kalm, l-istess kif kienu ħallewha ftit ilu, u fil-kamra ma kien hemm ħadd ħlief il-katavru. Franġiska poġġiet mal-bieb biex ma taqax, in-nies li kien hemm kollha nġabru madwarha, min bil-kutri, u min b'kikkra misħun, iżda hija mbuttat lil kulħadd lura u għalqet il-bieb. Ħasbuha ġġennet. "Skużawni" qaltilhom, "għandu jkun li ħlomt". Reġgħet lura weħidha fejn kienet qabel, fejn ħalliet il-kaxxa miftuħa u l-ħwejjeġ mifruxin barra mill-kaxxa.

Wara li għalqet il-bieb, ħarġet l-ittri mill-but u reġgħet rabtithom bil-mod kif kienu qabel u poġġiethom fil-qiegħ tal-kaxxa. Imbagħad bil-ħlewwa kollha bdiet tistiva bil-galbu kollu dik il-bjankerija fina u sabiħa, bil-proprjetà kollha twiet il-libsa tat-tieġ u l-velu li darba kellu jżejjen dik ir-ras li fi żmienha kienet tant sabiħa, għattiethom bil-karti strazzi u poġġiethom fil-wiċċ, u fl-aħħar għattiethom bil-biċċa tal-għażel bajda kif kienu qabel. Imbagħad għalqet il-kaxxa, sakkritha u ssiġillata. Fehmet li dak is-sigriet ħadd ma kellu jkun jafu. B'vuċi mitfija tenniet għal aktar minn darba: "Strieħ fil-paċi, imsejna Prexilla, is-segriet tiegħek jindifen miegħek".

U meta l-għada l-katavru tagħha niżel fil-qabar, il-kaxxa segrieta niżlet magħha biex tintrafa' maġenbha hemm ġew, taħt irħama kiesħa, fejn id-dud u t-trab iġibuhom fix-xejn.

## KRONAKA TA' L-AKKADEMJA

**NIFIRĦU lill-Patri A. PREVI, O.P., Membru Akkademiku tal-Għaqda, li ħa l-Ewwel Premju tal-Konkors Drammatiku mniedi mill-Kumpanija tar-Rediffusion.**

**Il-kummiedja soċjali tiegħu "Il-Għaqda Kontra l-Faqar" ġiet l-ewwel fost sebgħa u ħamsin xogħlijiet li kienu mibgħutin għall-Konkors.**